MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 523/1999/1

**Anthony Gatt, Salvatore Gatt, Joseph Gatt, Concetta Grech, Esther Tabone, Doris Attard, Maria Falzon u kull konjugi rispettivi ghal kull interess li jista' jkollu u cioè Maria Gatt, Michelina Gatt, Doris Gatt, Charles Grech, Henry Tabone, Francis Attard, u Benedict Falzon**

**v.**

**Rosette Vella f'isimha personali u kif ukoll bhala eredi rappresentanti l-eredità tal-mejta Carmela Gatt u zewgha Carmelo Vella ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta’ citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ippremettew illi omm l-atturi Carmela Gatt mietet fit-2 ta’ Jannar, 1998 (ara Dok A); illi b’testment fl-atti tan-Nutar Joe Cilia tat-8 ta’ Marzu, 1994 (ara Dok B), l-imsemmija Carmen Gatt filwaqt li kkonfermat it-testment li ghamlet ma’ zewgha Benigno Gatt fl-atti tan-Nutar Antonio Carbonaro tas-6 ta’ April, 1960 hassret kull testment iehor li setghet ghamlet (ara Dok C); illi minn ricerka testamenti l-imsemmija Carmela ma ghamlet ebda testment iehor (ara Dok D u Dok E); illi l-kontendenti kollha ahwa Gatt gew allura nominati eredi universali proprjetarji u padruni assoluti tal-gid taghha kollu f’sehem indaqs; illi l-atturi ghadhom qeghdin jiddeliberaw jekk jaccettawx l-eredità lilhom devoluta jew *invece* jirrinunzjawx ghaliha b’riserva ghad-dritt tal-legittima; illi qabel ma jiehdu d-decizjoni taghhom, l-atturi ghandhom interess li fil-massa ereditarja jidhlu l-beni kollha li kellha l-mejta ommhom; illi b’kuntratt tal-11 ta’ Jannar, 1993 (ara Dok F) fl-atti tan-Nutar Joe Cilia il-mejta Carmela Gatt ittrasferixxiet (*sic*) lill-konvenuta Rosette Vella mart il-konvenut l-iehor Carmel Vella l-proprjetà hemm deskritta versu l-prezz u termini hemm pattwiti; illi l-valur imsemmi fil-kuntratt u l-prezz li gie ddikjarat imhallas, huma ghal kollox inveritjeri u ma sar ebda hlas lill-mejta Carmela Gatt mill-konvenuta Rosette Vella u dan kif ser jigi pprovat f(i)l-kors tal-kawza; illi ghalhekk fil-verità, hawn jezisti kuntratt gratuwiti (*sic*) *invece* ta’ wiehed oneruz u allura hawn *si tratta* ta’ simulazzjoni; talbu ghaliex dik il-Qorti m’ghandhiex: 1. tiddeciedi u tiddikjara illi l-imsemmi kuntratt tal-11 ta’ Jannar 1993, fl-atti tan-Nutar Joe Cilia li sar bejn il-mejta Carmela Gatt u Rosette Vella hu sostanzjalment donazzjoni simulata taht l-apparenza ta’ trasferiment oneruz; 2. tiddeciedi u tiddikjara illi l-imsemmi kuntratt kien fir-rejaltà kuntratt ta’ donazzjoni u mhux trasferiment b’titolu oneruz; 3. konsegwentement tiddikjara li l-precitat kuntratt huwa ghal kollox null bhala kuntratt oneruz u validu biss bhala donazzjoni; b’rizerva ta’ kull azzjoni ohra spettanti lill-attutri, bl-ispejjez kontra l-konvenuti, ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi, guramentata minn Anthony Gatt, u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti illi permezz taghha eccepew:
Illi t-talbiet attrici huma infondati u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi l-kuntratt *de quo* ma kienx simulat;

B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti, guramentata minn Rosette Vella, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza ta' l-ewwel (1) ta' Lulju, 2003 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet ta' l-atturi u ikkundannathom ihallsu l-ispejjez gudizzjarji, u dana wara illi ikkunsidrat hekk:

"B'nota tal-15 t'Ottubru 2002, l-atturi Esther Tabone, Doris Attard, Mary Falzon u zwieghom cedew il-kawza, li ghalhekk baqghet miexja fl-interess ta' l-atturi l-ohra.

"Il-konvenuti ressqu l-eccezzjoni illi t-talbiet ta' l-atturi ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra taghhom, ghax il-kuntratt ma kienx simulat.

"Il-fatti li wasslu ghal din il-kawza graw hekk:

"B'kuntratt tal-11 ta' Jannar 1993 fl-atti tan-Nutar Joe Cilia, Carmela Gatt, awtrici ta' l-atturi, illum mejta, bieghet lill-konvenuta Rosette Vella, bintha, l-utli dominju ghal dejjem fuq il-fond numru disgha (9), Gebel San Martin, iz-Zejtun, bil-prezz ta' hmistax-il elf lira (lm15,000). Fil-kuntratt jinghad illi l-prezz thallas dak il-hin stess, u l-bejjiegha halliet ricevuta.

"B'kitba li saret ftit xhur wara, fit-28 t'Ottubru 1993, Carmela Gatt tat lill-konvenuta Rosette Vella s-somma ta' hmistax-il elf lira (Lm15,000), li minnhom hamest elef lira (Lm5,000) kienu 'hlas ta' spejjez ta' xogholijiet' maghmula fi proprjetà ta' Carmela Gatt, u ghaxart elef lira

(Lm10,000) 'bhala servigi' illi l-konvenuta irrendiet lil Carmela Gatt. Fil-fatt, il-konvenuta Rosette Vella xehdet illi dawn il-flus ommha tathomla mhux meta saret il-kitba tat-28 t'Ottubru 1993 izda xi jumejn wara l-kuntratt tal-11 ta' Jannar 1993; il-kitba saret zmien wara li kienu ghaddew il-flus.

"Din il-kawza hija dwar l-ewwel kuntratt, dak fl-atti tan-Nutar Joe Cilia, ghax il-konvenuti [*recte*: l-atturi] qeghdin ighidu illi l-valur moghti lill-proprjetà ma hux minnu, u illi l-prezz mhux tassew thallas.

"Il-valur ta' hmistax-il elf lira (Lm15,000) muri fuq il-kuntratt huwa l-istess prezz illi Carmela Gatt kienet hallset biex xtrat l-istess proprjetà (li wara bieghet lill-konvenuta) minghand Carmelo u Consiglia *sive* Connie Grech, tnejn mill-konvenuti *recte*: atturi], b'kuntratt tad-19 ta' Dicembru 1992, ftit gimghat biss qabel ma bieghet l-istess proprjetà lill-konvenuta, fil-11 ta' Jannar 1993.

"Ma ngiebet ebda prova biex turi illi dan il-prezz muri fuq iz-zewg atti pubblici dwar l-istess proprjetà ma kienx daqs kemm tiswa tassew il-proprjetà. Fil-fatt, jekk il-prezz tassew kien simulat fuq it-tieni att pubbliku (dak li biegh Carmel[a] Gatt bieghet lill-konvenuta), mela kien simulat ukoll fuq l-ewwel kuntratt (dak li bih Carmela Gatt xtrat il-proprjetà minghand tnejn mill-konvenuti [*recte*: atturi], u l-konvenuti [*recte*: l-atturi] ma humiex jallegaw li kien simulat il-prezz fuq dak il-kuntratt ukoll. Certament, dawk it-tnejn minnhom li dehru fuq l-ewwel kuntratt ma jistghux ighidu hekk ghax *nemo auditur turpitudinem suam allegans*.

"L-atturi izda qeghdin ighidu wkoll illi ma hux minnu illi l-prezz (ukoll jekk kien daqskemm tassew tiswa l-proprjetà) thallas mill-konvenuta lill-bejjiegha, ommha.

"Il-kwistjoni ghalhekk hija jekk tassew ghaddewx hmistax-il elf lira (Lm15,000) minghand il-konvenuti lill-bejjiegha.

"Il-konvenuti xehdu illi biex hallsu l-prezz tal-bejgh u l-ispejjez tal-kuntratt, issellfu disat elef lira (Lm9,000)

minghand terzi, u l-bqija - xi haga fuq is-sebat elef lira (M7,000) - harguhom minn gewwa. Rajna wkoll illi dawn il-flus il-bejjigha tathomlhom lura xi jumejn wara, u ghalhekk setghu iroddu dak li ssellfu.

“Xehdu wkoll il-persuni li kienu silfu lill-konvenuti, u ikkonfermaw kemm li kienu silfu lill-konvenuti kif ukoll illi l-konvenuti raddewlhom il-flus mislufa.

“L-oneru huwa fuq l-atturi illi juru illi ma ghaddewx flus minghand il-konvenuti lil Carmela Gatt, il-bejjiegha, meta sar il-bejgh. Wara li qieset sew ix-xhieda l-qorti hija tal-fehma illi ma hemm xejn illi jista’ jikkonvinciha, imqar fuq bilanc ta’ probabbiltajiet, illi l-kuntratt ta’ bejgh-u-xiri kien simulat, jew illi l-kuntratt, is-self tal-flus u l-ghotja lura tal-flus mill-bejjiegha lill-konvenuti kienu kollha parti minn *messa in scena*. Jistghu jinholqu suspetti u suppozizzjonijiet, izda, fil-fehma tal-qorti, dawn ma joholqux il-konvinciment morali fil-mohh tal-gudikant biex il-qorti tkun tista’ tghid illi lill-atturi sehhilhom jeghelbu l-oneru tal-prova li qieghed fuqhom.”

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-atturi Anthony Gatt, Salvatore Gatt u Concetta Grech illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi tigi revokata, mhassra u annullata s-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-ewwel (1) ta’ Lulju, 2003 u illi, minflok, jintlaqghu it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati;

Rat ir-risposta ta’ l-appell tal-konvenuti illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi s-sentenza appellata tigi riaffermata u konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi minn qari tar-rikors ta’ appell, pjuttost twil u dettaljat, ta’ l-atturi jirrizulta illi, fis-sostanza, l-aggravju ta’ l-apellanti

kontra s-sentenza appellata huwa wiehed: l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti. Infatti, l-appellanti, wara illi fil-parti tar-rikors ta' appell enumerata '6' ghamlu rassenja ta' dawk illi huma jsejhu "aspetti fattwali tal-vertenza" illi jirrizultaw "mill-provi akkwiziti" (fol. 167), jissottomettu hekk (fol. 170):

"Stabbiliti dawn il-fatti, l-appellanti sejrin japprofondu [*sic*] ulterjorment f'hiex jikkonsisti sewwa l-aggravju taghhom. L-appellanti jissottmettu bir-rispett li quddiem provi daqstant evidenti u elokwenti, l-ewwel Onorabbli Qorti kien messha laqghet, u mhux cahdet, it-talbiet attrici. Dan m'ghamlitux ghar-raguni, u dan qieghed jinghad bl-akbar rispett dovut, li l-ewwel Qorti ghamlet evalwazzjoni wisq leggera u superficjali tal-provi akkwiziti";

Ikkunsidrat:

L-appellanti huma ben konxji mill-gurisprudenza taghna dwar l-aggravju taghhom tant illi, fit-tieni (2) paragrafu tal-parti enumerata '8' tar-rikors ta' appell (fol. 170), issottomettew hekk:

"L-atturi appellanti huma wkoll konsapevoli tal-prassi li din l-Onorabbli Qorti, sakemm huwa possibbli, ma tiddisturba qatt leggerment l-evalwazzjoni tal-provi li tkun ghamlet il-Qorti ta' l-ewwek [*recte*: l-ewwel] grad jekk mhux ghal raguni serja. Evidentement dan kollu jimplika li din l-Onorabbli Qorti tirrvedi mill-gdid hi l-istess provi qabel ma tara jekk huwiex jew le il-kaz hawnhekk li l-apprezzament tal-provi sar b'mod skorett. Diversament, ikun ifisser li revizjoni ta' l-ewwel gudikat difficilment twassal ghar-revoka";

L-appellanti jistghu iserrhu mohhom illi dina l-Qorti ezaminat minuzjozament il-provi kollha prodotti. Huwa precizament ghalhekk illi, sabiex jinghata ezempju, jista' jinghad illi, ghalkemm fl-elenku tad-dokumenti (fol. 5) l-atturi jghidu: "Dok. D Ricerki testmenti", mhux biss id-dokument illi huwa esibit a fol. 13 sa 15 tal-process u huwa markat bl-ittra 'D' ma ghandu x'jaqsam xejn ma' ricerka dwar testmenti, talli fost l-atti processwali ma

jirrizultax illi hemm xi certifikat jew certifikati dwar ricerki ghal testmenti. Tajjeb illi jigi senjalat ukoll illi, ghalkemm fl-att ta' citazzjoni jinghad: "… illi b'kuntratt tal-11 ta' Jannar, 1993 (Ara Dok F) fl-atti tan-Nutar Joe Cilia …" (fol. 1 *tergo*), fl-imsemmi elenku tad-dokumenti jinghad: "Dok E Kuntratt fl-atti tan-Nutar Joe Cilia datat 11 ta' Jannar, 1993 u l-kopja ta' dan il-kuntratt illi tinsab esibita a fol. 16 sa 19 hija markata bl-ittra 'E';

Wara dan l-ezami minuzjuz tal-provi kollha prodotti u wara illi evalwat l-istess provi dina l-Qorti mhux biss ma issib ebda raguni serja illi minhabba fiha ghandha tiddisturba l-apprezzament ta' l-istess provi maghmul mill-ewwel Qorti illi wassalha sabiex tirrigetta t-talbiet ta' l-atturi izda hija tal-fehma illi tali apprezzament ta' l-ewwel Qorti huwa validu u illi, konsegwentement hija gusta c-cahda tat-talbiet attrici;

Konsegwentement, l-aggravju ta' l-appellanti huwa infondat u s-sentenza appellata timmerita illi tigi konfermata;

*Ciònonostante*, dina l-Qorti sejra taghmel is-segwenti osservazzjonijiet dwar parti mill-kontenut tar-rikors ta' appell;

L-appellanti jibdew il-parti tar-rikors ta' appell enumerata '6' b'dawn il-kliem (fol. 167):

"Bhala <u>aspetti fattwali</u> tal-vertenza, mill-provi akkwiziti <u>jirrizulta</u> dan: …" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

imbaghad huma jelenkaw dawn l-"aspetti fattwali" fil-partiti enumerata minn 'i.' sa 'xii.' (fol. 167 sa 170). Huwa evidenti, però, illi dak illi jinghad fit-tieni (2) paragrafu tal-partita 'iv.', fil-partita 'v.', f'parti mill-partiti 'vi.', 'vii.', 'ix.' u 'x.' u fil-partiti 'xi.' u 'xii' ma jikkostitwix "aspetti fattwali" illi jirrizultaw "mill-provi akkwiziti". Il-kontenut ta' dawn ma huwa xejn hlief sensiela ta' sottomissjonijiet u ta' dawk illi l-ewwel Qorti, fil-penultimu paragrafu tas-sentenza appellata, gustament qalet dwarhom "Jistghu jinholqu suspetti u suppozizzjonijiet". Sabiex jigi illustrat dan,

huwa sufficjenti illi tigi hawn riprodotta il-partita ‘v.’ (fol. 168):

“Fil-fatt l-atturi appellanti fil-kors tal-kawza ppruvaw bix-xhieda u provi ohra mressqa minnhom li l-hlas tal-prezz qatt ma kien sar. L-atturi appellanti bir-rispett jissottomettu illi minkejja l-fatt li l-istess atturi dakinhar tal-kuntratt ma kienux prezenti dan bl-ebda mod ma jipprekludihom milli jippruvaw li effettivament il-kuntratt ta’ bejgh kien wiehed simulat, u dan peress li l-att li sehh dakinhar kien wiehed ta’ donazzjoni u konsegwentement kuntratt gratuwitu;

Illi *inoltre* l-atturi huma intitolati li jgibu kull prova permessa bil-ligi biex jippruvaw tali simulazzjoni” (sottolinear ta’ dina l-Qorti);

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta’ din l-istanza jigu sopportati kollha mill-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------